**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2019**

Numru 16

**Rikors Guramentat Nru. 609/2019**

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited**

**vs**

**Miguel Portelli u Joseph Mary Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-20 ta’ Gunju 2019 li jghid hekk:

1. Illi l-istanti socjeta bieghet u kkonsenjat lill-imharrka konvenuti 'catering equipment' li tal-ahhar accettaw, akwistaw u xtraw, li l-bilanc dovut flimkien ma' self skont skrittura datata 30 ta' Awwissu, 2017, hu ta' hamsa u sittin elf, seba' mija u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu tal-ewro (€65,720.88).

2. Illi ghalkemm interpellati jhallsu l-imsemmi ammont ta' hamsa u sittin elf, seba' mija u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu tal-ewro (€65,720.88), l-intimati baqghu inadempjenti.

3. Illi l-istanti interpellat formalment lill-intimati b'zewg ittri ufficjali kif ukoll kemm-il darba b'mod verbali.

4. Illi nonostanti tali interpellazzjoni gudizzjarja u diversi interpellazzjonijiet personali, l-intimati baqghu qatt ma ressqu biex ihallsu, la in parte u anqas in toto.

5. Illi ghalhekk illum il-gurnata, l-ammont li hu dovut u spettanti lill-istanti fl-ammont ta' hamsa u sittin elf, seba' mija u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu tal-ewro (€65,720.88), bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fuq tali cifra dekorribbli mid-data li tidher fl-istatement hawn annessa.

6. Illi l-indikat ammont jikkostitwixxi dejn li s-socjeté mharrka ghandha filkonfront ta l 1-istanti u tali dejn hu wiehed cert, likwidu u dovut hekk kif jirri2ulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa.

7. Illi, sa fejn jaf l-istanti socjeta, l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jissollevaw.

8. Illi ghalhekk l-istanti socjeta kellha tressaq il-prezenti proceduri sabiex tezigi u tottjeni l-pagament tal-ammont bilancjali, oltre imghax u spejjez, hawn fuq indikat.

Talbiet
Jghidu ghalhekk I-imharrka intimati ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti jogghobha:

1. FI-ewwel lok, tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u mmarkata bhala "Dok: C"; u
2. Fit-tieni lok, tiddikjara I-intimati bhala debituri versu s-socjeta attrici fl-ammont ta' hamsa u sittin elf, seba' mija u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu tal-ewro (€65,720.88);
3. Fit-tielet lok, tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta attrici I-imsemmi ammont ta' hamsa u sittin elf, seba' mija u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu tal-ewro (€65,720.88).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid ipprezentati kontestwalment ma' din il-kawza u tal-ittri ufficjali datati 8 ta' Frar,2019 u 6 ta' Marzu, 2019 u bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) skont il-ligi dekorribbli mid-dati ta' kunsinna kif imnizzla fl-istatement hawn anness sad-data tal-pagament effettiv kontra I-istess konvenuti, li huma minn issa msejha ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-atti kollha;

Rat li la l-konvenuti, debitament notifikati fit-8 ta' Lulju 2019, u anqas id-difensur taghhom ma dehru biex jiddefendu ruhhom mill-pretensjonijiet attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Mario Cutajar, direttur tas-socjeta attrici fejn bil-gurament tieghu ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut u ma sar ebda hlas sallum kif jidher mid-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti u ma saret ebda oppozizzjoni valida, il-Qorti qed tiddisponi mill-

kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' hamsa u sittin elf, seba' mija u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€65,720.88) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ *catering equipment* lill-istess konvenuti, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur